**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)Ph.D**

**Appell Nru: 352/2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Owen John Carabott**

**Illum 11 ta' Jannar 2024**

Il-Qorti,

Rat li l-appellant, Owen Carabott detentur tal-karta tal-identita' Maltija **567682M,** imwieled ġewwa l-Pieta' nhar il-15 ta' Ottubru 1982, li jirrisjedi ġewwa 9, Triq il-Foss, Paola gie imressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar id-29 ta' Mejju 2022, għal ħabta ta' tat-3:45 ta' filgħaxija, minn ġewwa residenza bl-indirizz, 12, Scorpion, Triq Ħal Warda, Attard akkuzat talli:

1. Bil-ħsieb li jagħmel delitt wera' dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt u dan billi prova jikkommetti serq għad-dannu ta' Mary Attard, persuna anzjana, detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru **960646M,** liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali jew indipendenti mill-volonta' tiegħu u liema serq li kieku seħħ kien ikun ikkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-ammont ta' €2,329.37 u bil-lok.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, tordna li l-ħati jħallas id-danni ai termini tal-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom

x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba ukoll, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' ta' Mary Attard jew għaż-żamma tal-ordni pubbliku jew għall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familja tagħha minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat skont l-artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta tal-persuna offiża u l-familija tagħha ai termini tal-artikolu 382A, 383, 384, 385, u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-3 ta' Ottubru 2023 fejn l-ewwel Qorti **sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal piena ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa nżamm taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.**

In oltre ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħdet lill-appellant taħt Ordni ta' Trażżin għal-favur ta' Mary Attard, u dan għal perjodu ta' tlett (3) snin li jibda għaddej mid-data ta' l-iskadenza tal-piena hawn inflitta. Il-Qorti ordnat li s-sentenza u l-Ordni ta' Trażżin jiġu kkomunikati lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant **Owen Carabott**, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-18 ta' Ottubru, 2023 fejn talab lil din Onorabbli Qorti sabiex joġgħobha tilqa' dan l-appell u jogħġobha tħassarha u tannullaha, fil-parti fejn sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni u għar-raġunijiet imsemija fir-rikors tal-appell tieghu, tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena, jer alternattivament tħassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena billi tiġi mposta piena aktar ġusta u ekwa għall-każ odjern.

Ill-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**<u>Illi fl-ewwel lok</u>**, l-appellant umilment jirrileva li l-provi prodotti quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti ma jissodisfawx pjenement l-elementi tar-reat addebitat fil-konfront tal-appellant.

Illi l-appellant huwa akkużat b'attentat ta' serq. Jiġi relevat li wieħed mill-elementi tal-attentat ta' serq ma jissustix u dan senjatament l-element –

*A commencement of the execution of the crime.*

Jiġi rilevat li l-appellanti ħabbat il-bieb tar-residenza tal-parte civile Mary Attard, u l-istess Mary Attard fetħet il-bieb – ma kien hemm l-ebda żgass jew theddid indirizzat lejn il-*parte civile*. Inoltre, ma kien hemm l-ebda vjolenza fil-konfront tal-*parte civile*, u *se mai*, kien hemm biss ftit diskors ċivili bejn il-partijiet. Ma ġiet ippreżentata l-ebda prova li kien hemm xi atti preparatorju għal bidu tal-esekuzzjoni tar-reat. U din il-prova hija kjarament mankanti fil-provi prodotti mill-prosekuzzjoni. Di piu, ma nsabu l-ebda għodod jew oġġetti oħra relatati, fuq il-persuna tal-appellant, għal kummissjoni tar-reat ta' serq.

Illi di piu, u mingħajr preġudizzju għal premess, l-appellant jirrileva li bla dubju ta' xejn l-*oneru* tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti tal-akkużi addebitati lill-imputat, huma veri u dan għaliex, kif jgħid l-awtur Taljan Manzini fil-ktieb tiegħu Diritto Penale – Vol III, Kap IV, paġna 234, edizzjoni 1896:

> *"Il cosi detto onero della prova cioe' il carico di fornire spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui asserit."*

Hija dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi kollha tar-reat u dan permezz ta' <u>provi diretti jew indizzjarji u dan sal-grad ta' konvinċiment morali tal-ġudikant</u>, dan ukoll kif stabbilit fil-gurispurdenza tagħna fost l-oħrajn fil-kawża; **<u>Il-Pulizija vs Paul Farruġia</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-03 ta' Marzu 2000.

Fil-kamp penali, dak li hu possibbli li jiġri jew li possibbli li jista' jiġri, mhux prova ammissibbli. Il-provi li trid tiddeċiedi fuqhom il-Qorti huma dawk biss li jirriżultawlha mill-atti u konġetturi ta' fatti mhux ammessi.

Huwa għalhekk l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tipprova li l-imputat mhux innoċenti, u dan trid tagħmlu billi, bil-provi tagħha twassal lil min irid jiddeċiedi, sa dak il-grad ta' konvinċiment morali, bla dubbju dettat mir-raġuni. Minn naħa tal-Prosekuzzjoni, allegazzjonijiet ta' x'seta ġara probabbilment jew possibbilment, ma jokkostitwux ebda prova valida.

Minn naħa l-oħra, l-imputat, preżunt innoċenti, m'għandu jipprova xejn, iżda jekk iħoss li għandu jipprova xi ħaġa, dan jista' jagħmlu anke jekk jasal sal-grad tal-probabbli. Dan ġie ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Ciscaldi** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Lulju 1998.

Illi jirriżulta li fl-appell odjern l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet ħtija fil-konfront tal-appellant a bażi ta' provi indizzjarji. Illi huwa vera li fil-kamp penali, il-provi indizzjarji ħafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jiġu eżaminati b'aktar attenzjoni sabiex wieħed jaċċerta ruħu li huma univoċi.

L-awtur **Archbold** fil-ktieb tiegħu **Criminal Practice** (1997 edition para 10-3) b'referenza għal dak li qal **Lord Normand** fil-każ **Teper v R (1952)** jgħid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in ċivil cases; and where such testimony is not available the jury is permitted to infer the facts proved by other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to*

*be sure that there is no other co-existing circustance which would weaken or destroy the inference."*

Illi din l-istess posizzjoni ġiet abbraċċjata mill-Qrati tagħna, kif fil-fatt ġiet konfermata b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-09 ta' Jannar 1998 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun.**

Illi in vista tal-premess, l-appellanti umilment jirrileva li tenut kont tal-provi prodotti, l-imputazzjoni kif dedotta fil-konfron tal-appellanti ma ġietx pjenement ippruvata.

Fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għal premess, l-appellanti jagħmel referenza għal piena ta' sitt (6) xhur priġunerija inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

Illi jirriżulta li l-appellant ma għandux addebitat lilu r-reċediva, u għalhekk il-piena kellha tirrifletti ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

Tenut kont tal-premess, għandu jiġi kkunsidrat li l-piena qatt m'għandha sservi sabiex titpatti l-ħsara li tkun iġġarbet il-vittma – jew mill-familjari tagħha – kawża tas-sinistru. Qed issir referenza għas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo:**

> *Fil-verita l-iskop tal-peina muwhiex wieħed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'għandhiex isservi bħala xi forma ta' vendikazzjoni tas-soċjeta' fil-konfront tal-ħati. Il-piena għandha diversi skopijiet. Wieħed minnhom huwa sabiex jiġi ripristinat soċjali li jkun ġie mcarrat bil-għemil kriminali ta' dak li jkun. Taħt dan l-aspett jassumu l-importanza, fost affarijiet oħra, kemm ir-riżarċiment tad-dannu da parti tal-ħati kif ukoll ir-riforma tal-istess ħati.*
>
> *Skop ieħor tal-piena huwa dak li tiġi protetta s-soċjeta'. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-każ ta' persuni li b'għemilhom juru li huma ta' minaċċja għas-soċjeta' dawn jinżammu inkarċerati u għalhekk barra miċ-ċirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-każ ta' reat gravi, is-sentenza tibgħat messaġġ ċar li jservi ta' deterrent ġenerali. Il-Qrati ta' ġustizzja kriminali dejjem iridu jipprivaw isibu l-bilanċ gust bejn dawn u diversi skopijiet oħra tal-piena.*
>
> *Illi huwa propju għalhekk illi għal kull reat il-Liġi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimum u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni tagħha, u entro*

*dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema skond iċ-ċirkostanzi ta' kull każ, tipprova ssib dak il-bilanċ ġust bejn id-diversi skopijiet li għandhom jintlaħqu...*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anton Vassallo** deċiża mill-Onor Imħallef David Scicluna nhar id-09 ta' Jannar 2013 intqal is-segwenti:

> *Il-piena għandha diversi skopijiet. Wieħed minnhom huwa sabiex jiġi ripristinat it-tessut soċjali li jkun ġie mċarrat bil-għemil kriminali ta' dak li jkun. Taħt dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet oħra, hemm ir-riżarċiment tad-dannu da parti tal-ħati kif ukoll irriforma tal-istess ħati. Skop ieħor tal-piena huwa dak li tiġi protetta s-soċjeta'. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-każ ta' persuni li b'għemilhom juru li huma ta' minaċċja għas-soċjeta' dawn jinżammu inkarċerati u għalhekk barra miċ-ċirkolazzjoni, kif ukoll billi fil-każ ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messaġġ ċar li jservi ta' deterrent ġenerali. Il-Qrati ta' ġustizzja kriminali dejjem iridu jipprivaw isibu l-bilanċ ġust bejn dawn u diversi skopijiet oħra tal-piena.*
>
> *Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-każ in eżami jidher illi l-appellant/l-appellat qiegħed fit-triq it-tajba u qiegħed jagħmel l-isforzi meħtieġa biex iżomm in lineja mar-responsabbilitajiet tiegħu. Is-soċjeta' għalhekk ma tistatx tiġi protetta bl-inkarċerazzjoni tiegħu iżda billi, bl-għajnuna ta' uffiċjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruħu, u dan anke billi jagħmel il-pagamenti opportuni lill-vittmi tiegħu kif ukoll billi jrodd xi ħaġa lis-soċjeta' permezz ta' servizz fil-komunita'. Għalhekk huwa l-każ illi, minbarra ordni ta' kumpens, l-appellant/l-appellat aċċettanti, jitqiegħed taħt ordni ta' Probation u servizz sabiex ikun hemm ammonbt ta' superviżjoni minn uffiċjal tal-probation filwaqt illi l-ħati, permezz tal-ħidma tiegħu, ikun qiegħed irodd lis-socjeta' offiża dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li għandu jkollha minħabba l-aġir kriminuż tiegħu.*

L-appellant jagħmel referenza wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 ta' Ottubru 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk, Maalem Abderrahmane, Lazhari Zamoucher'** fej ġie kkunsidrat li:

> *Peress li dan huwa appell limitat biss għall-piena inflitta, din il-Qorti trid tistħarreġ jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment*

*tasal għas-sentenza tagħha billi tanalizza jekk il-piena inflitta minn dik il-Qorti kienetx taqa' fil-parametri legali, jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju, jew jekk kienetx manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgun and Kucuk Melek deċiża nhar il-25 ta' Awwissu 2005:*

*It is clear that the first Court took into accounts all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into accounts the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*

*"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that thw way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This Court will... be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '... that this Court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat differenti sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the*

*sever side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

*Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipju kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett:*

*(a) Retributtiv;*
*(b) Preventiv;*

*U*

*(ċ) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena*

*<u>L-aspett retributtiv</u> tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil-kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.*

*<u>L-aspett preventiv</u> tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem iehor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.*

*L-aspett preventiv għalhekk huwa dupliċi: wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażżna milli tikkommetti reati minħabba l-biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-*

*effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-pien minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantità tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-membri tas-soċjeta milli jiddezistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-memebri fi ħdan soċjetà li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altriment, il-kollass.*

*Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtika individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.*

*F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq għandu jsib dawn l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura*

*l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distina mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.'*

Jiġi rilevat li l-Ewwel Onorabbli Qorti  fl-imposizzjoni tal-piena inflitta, injorat ghal kollox il-principji hawn ċitati.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Eżaminat il-proċess inkluż il-fedina penali tal-akkużat.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw il-każ u dan fis-seduta tas-7 ta' Diċembru 2023.

<u>**Ikkunsidrat**</u>.

Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza <u>**Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit**</u> deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1]  intqal:-

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa ġie mistqarr li :

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari

*Kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-

---

f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive
Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kinetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peres il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli talevidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence.

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Diċembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Diċembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; IlPulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Illi ghalhekk sta ghal din il-Qorti teżamina mill-ġdid il-provi prodotti sabiex tara jekk mill-provi kif prodotti fl-atti l-ewwel Qorti setgħetx legalment issib ħtija fil-konfront tal-appellant.

L-**ispettur Ritenne Gauci** xehdet nhar it-13 ta' Ġunju 2022 u spjegat li nhar id-29 ta' Mejju 2022 għall-ħabta tal-3.45 p.m il-Pulizija ta' Birkirkara kienu nfurmati li kien hemm bżonn l-assistenza ġewwa Triq Ħal Warda Ħ'Attard minħabba li kien hemm persna li ppruvat tidħol ġo residenza. Il-pulizija marru immedjatament fuq il-post u ġie nnutat persuna  li kien qed iħabbat ma xi bieb ta' residenzi. Id-deskrizzjoni tiegħu qablet mad-deskrizzjoni ta' min ċempel l-għassa. Il-pulizija avviċinaw lil din il-persuna li ġiet innutata tħabbat u ġie identifikat bħala l-akkużat appellant. Fuq il-post ġie stabbilit ukoll li l-appellant kien qal l-pulizija li kien ghadu kemm ħareġ minn Mount Carmel u kien qiegħed jittallab għal xi flus għax kien jinsab *homeless.*

Fuq l-post ġiet mitkellma l-vittma mis-surġent PS 918 li kienet spjegatlu li kien hemm persuna li prova jidħlilha fir-residenza tagħha. Aktar tard il-vittma ġiet mitkellma minn PC2390 u minn PC748 fejn stqarret u rilaxxat dikajrazzjoni bil-miktub fejn stqarret li għall-ħabta tat-3.30p.m ta' l-istess ġurnata semgħet il-qanpiena iddoqq darbtejn u xi ħadd iħabbat mal-bieb tagħha. Wara ftit reġgħet semgħet il-qanpiena iddoqq u persuna b'vuċi maskili beda jgħidilha hawn għadni jiena. Dak il-ħin stqarret li ndunat li dak ma kienx in-neputi tagħha imma xorta fetħet il-bieb biex tara din il-persuna x'riedet.  Qallha li kien qed jiġbor xi flus għal fqar. Kien dak il-ħin li bdiet tibża minn din l-istess persuna u għalhekk imbuttat biex tagħlaq il-bieb pero l-imputat hawnhekk għamillha siequ mal-bieb biex ma tkunx tista' tgħalqu pero minn hemm u minn hawn irnexxilha tagħlaq il-bieb għax bdiet tibża li seta' jidħol fuqha jweġġaħha jew inkella jisraqha.

Kif kienu fuq il-post il-pulizija arrestaw lil Owen John Carabott li ġie identifikat fl-awla bħala l-imputat u dan kien għal ħabta tal-4.00p.m Carabott ġie mogħti id-drittijiet tiegħu u nfurmat bid-drittijiet legali tiegħu u ġie eskortat lejn l-għassa tal-pulizija ta' B'kara fejn hemmhekk beda jgħid li hu jieħu xi mediċini u għalhekk ġie meħud l-isptar u l-polyclinic tal-Furjana sabiex ovjament jiġi assistit medikament. Tajjeb li wieħed jgħid li dak il-ħin it-tabib tal-polyclinic tal Furjana iddeċieda li l-

imputat kien ikun aħjar jekk jerġa' jmur lura ġewwa Mount Carmel. Kien għalhekk li dak il-ħin Carabott ġie irrilaxxjat mill-arrest minn naħa tagħhom.

Aktar tard ġabu mandat ta' arrest fil-konfront ta' dan Carabott mill-ġdid nhar l-1 ta' Ġunju 2022. Dan ġie arrestat wara li l-isptar Mount Carmel kien ħalla dikjarazzjoni li ġiet preżentata fil-proċess u mmarkata bħala Dok RG 7[4] li kien tajjeb għall-interogazzjoni u prosekuzzjoni. Dakinhar stess fl-1 ta' Ġunju 2022 ħadet stqarrija tiegħu u dan wara li kien ikkonsulta mal-avukat tiegħu Dr Mark Mifsud Cutajar pero għażel li ma jwieġeb għall-ebda domanda li għamlitlu. Is-sur Carabott ġie mressaq b'arrest nhar l-1 ta' Ġunju 2022.

Murija Dok RG6 tgħid li dik hija l-istqarrija li hija ħadet tal-appellant dak in-nhar ta' l-1 ta' Ġunju 2022.

Mistoqsija jekk hux minnu li l-appellant kien talab għal xi flus lill-allegata vittma tgħid li huwa minnu. Tgħid li mill-investigazzjoni tagħha irriżulta li effettivament kien baqa' fuq l-għatba. Qalet li l-appellant ipprova jagħmel saqajh mal-bieb tar-residenza tagħha sabiex hi ma tkunx tista' tagħlaq u hu jkun jista' jidħol ġewwa. Meta fil-verita biex jitlob il-flus ma kellux għalfejn. Tgħid li s-sinjura qaltilha li l-appellant kien qed jiġbor xi flus. Tiċħad li l-vittma qaltilha li l-appellant kien talabha biss is-somma ta' €1.50 biex ikollu biex imur b'tal-Linja. Mistoqsi jekk irriżultalux li meta l-appellant ħabbat it-tieni biex kien ukoll talab is-somma ta' €1.50 biex imur b'tal-Linja tgħid li ma irriżultalhiex din fl-investigazzjoni tagħha. Tgħid li safejn hi infurmata li meta l-Pulizja rawh iħabbat ġie arrestat dak il-ħin stess. Ma irriżultalhiex li meta ġie arrestat kellu fuqu s-somma ta' €1.50 . Hija ma ħarġet l-ebda riċevuta fuq l-appellant għal dak li seta kellu fuq għaliex ma irriżultalhiex li in effetti kellu xi ħaġa fuq persuntu.

**PC 2390 Annemarie Coleiro** xehdet nahr it-13 ta' Ġunju 2022 u tikkonferma li nhar id-19 ta' Mejju 2022 kienet irċeviet telefonata waqt li kienet xogħol l-għassa ta' B'kara li kien hemm persuna li kien qed jipprova jidħol ġo residenza ġewwa Triq Ħal-Warda Attard. Fuq din l-informazzjoni hija flimkien ma' PS 981, PC 748 u PC 335 marru fuq

[4] Fol. 24

il-post indikat lilhom u raw persuna maskili jaqbel mad-deskrizzjoni li kienet ingħtat lilhom li kien hemm persuna qed tħabbat ma residenza fl-istess triq.

Dak il-ħin waqfu tali persuna fejn qalilhom li kien qed jiġbor għal homeless għax kien għadu kemm ħareġ minn Mount Carmel u dak il-ħin twaqqaf u ġie mogħti id-drittijiet legali tiegħu. Sa dak il-ħin is-surġent mar jinforma lill-Ispettura fejn ordnat l-arrest tiegħu. Dan ġie mogħti d-drittijiet tiegħu ġie mgħarraf ir-raġuni għall-arrest tiegħu u ġie meħud l-għassa ta' B'kara. Wara huwa flimkien ma' PC 748 marru jieħdu x-xhieda tal-vittma fejn din stqarret miegħu li din il-persuna kienet ċemplet il-qanpiena għal darbtjen għal ħabta tat-3.30p.m imbagħad ħabbat il-bieb bis-sald imbagħad reġa ċempel il-qanpiena u qallha '*jien hawn ghadni*'. Mill-ħġieġ rat tul ta' persuna u indunat li ma kienx in-neputi tagħha. Fetħet il-bieb u dan ir-raġel qallha li kien qed jiġbor xi ħaġa għal min m'għandux x'jiekol. Dan poġġa saqajh mal-bieb sabiex ma tkunx tista' tagħlaq il-bieb, imbagħad imbutta l-bieb b'idejha u saqajha u qallha li kienet qed taġixxi bħala annimala u qaltlu 'qed tistmhom in-nies'. Staqsiha jekk weġġgetx u qaltlu li le. Mistoqsija jekk qatt ratu qabel dan l-inċident tiċħad li filfatt qatt ratu qabel. Mistoqsija għaliex imbottat il-bieb stqarret li beżgħet minnu għax beżgħet li jgħamlilha xi ħaġa u li jidħol u jisraqha.

Ikkonferma li l-appellant ġie arrestat għall-ħabta tal-4.00pm fi Triq Ħal Warda, Attard. Qalet li kien l-appellant li stqarr magħha li kien qed jiġbor xi flus u li kien għadu kemm ħareġ minn Mount Carmel. Qalilhom li kien hemm min tah xi ħobż iżda fl-ebda ħin ma qallhom li kien ġabar xi flus.

**PC 748 Nathan Ciappara** xehed nhar it-13 ta' Ġunju 2022 u stqarr li nhar id-29 ta' Mejju 2022 għall-ħabta tal-3.45p,m ġewwa l-għassa tal-pulizija ta; Birkirkara ġew infurmati li kien hemm persuna maskili li kien qed jittallab kif ukoll li prova jidħol ġo residenza numru 12.

Bħala deskrizzjoni infurmawh li kien liebes kollox skur u li kien qed iġorr basket f'idejh. Huwa flimkien ma' PC9187, PC2390 u PC335 marru fuq il-post fejn hemmhekk inzertaw persuna li kien jaqbel mad-deskrizzjoni miexi fit-triq. Inzerta li dak il-ħin kien għadu kif ħabbat bieb tar-residenza u dak il-ħin waqfuh. Dan ir-raġel inzerta li kien jismu Owen John Carabott fejn dan stqarr magħhom li kien għadu kif jitlaq minn

Mount Carmel u kien qed jittallab għal xi ikel u flus minħabba li kien homeless. Dak il-ħin ġie nfurmat minn PC918. Huwa mar ikellem lil vittma li toqgħod fir-residenza numru 12 u nforma lill-ispettur b'dak li kien ġie rapportat u b'dak li kienu raw. Ġie ordnat jarresta lill-appellant u dak il-ħin infurmah bid-drittijiet tiegħu u arrestawh u ħaduħ l-għassa tal-pulizija ta' Birkirkara.

Iżjed tard ittieħdet l-istqarrija tiegħu quddiemu meta kien flimkien ma' PC2390. Ikkonferma li l-vittma ma kintix tafu u li kienet imbezzagħha minnu li seta iweġġgħaħha jew jisraqha.

**PS 918 Clayton Azzopardi** xehed nhar il-21 ta'Ġunju, 2022 u stqarr li nhar id-29 ta' Mejju 2022 l-għassa tal-pulizija ta' Birkirkara ġiet infurmata li kien hemm persuna qed tittallab ġo residenzi ġewwa Triq Ħal Warda, Ħ'Attard. Tawhom deskrizzjoni ta' x'kienu libsin. Kien liebes kollox skur u f'idejh kellu basket u beda jħabbat diversi residenzi. Dan kien għal ħabta tal-3.45p.m

Irrikorra fuq il-post flimkien ma' tlett kollegi minn tiegħu fejn daru l-akwati u f'tarf minnhom tal-istess triq innutaw persuna tal-istes deskrizzjoni. Għarfu bħala l-akkużat preżenti fl-awla. Dan kien liebes kollox skur u f'idejh kellu basket. Dan resaq lejn bieb u beda jħabbat bieb partikolari. Marru fuq il-persuna staqsewh x'kien qed jgħamel u qalilhom li kien qed jittallab għax kien homeless u li kien għadu ħiereġ minn Mount Carmel. Ma kellux flus u għalhekk kien qed jittallab. Kellem lill-parte civile mara anzjana u din kienet imwerwra u taħt xokk qawwi. Daħal għandha u kellimha. Qaltlu li kienet marret persuna maskili tħabbtilha il-bieb għal dabra tnejn u wara qalilha 'Aw jien nann'. Qisu b'ingann biex tiftaħlu. Ttawlet minn ġol-bieb u rat li ma kienx l-istess tul tan-neputi tagħha għax in-neputijiet tagħha kienu kollha itwal mill-malvivent. Irnexxilha ġġib naqra saħħa u skond ma qalet hi imbuttat il-bieb u għalqitu u dan għajjarha annimala meta għalqet il-bieb u telaq 'l barra.

Imbagħad ħabbat aktar bibien kif raħ hu stess. Reġa mar fuqu infurmaħ li kien taħt arrest taħ id-drittijiet tiegħu. Informa lill-Ispettura li kien arrestat li seta daħal u seraq persuna jew weġġaha apparti li kien qed jittallab mingħajr il-permessi meħtieġa. Meta waqfuh kien fi Triq Ħal Warda kantuniera ma' Triq Mdina. Minn meta daħlet it-telefonata u marru fuq il-post ma għaddhiex wisq ħin xi ħames minuti biss u marru

hemm bis-sirena.  Kienu bil-karozza tad-distrett u bl-uniformi. Kien għal-ħabta tal-4.00p.m li ġie nfurmat bl-arrrest tiegħu wara li kien tkellem mal-*parte civile,* l-allegata vittma. Wara li kien mar hu jkellem lill-vittma jaf li l-kollegi tiegħu marru ukoll.

Jgħid li lilu ma qaltlux li kien talabha xi flus. Li kien ħabtilha il-bieb u qallha li kien in-neputi tagħha u prova jidħol ġewwa, żamm il-bieb miftuħ b'saqajh u pprova jidħol għal fuqha. Dik hi l-versjoni tal-fatti mogħtija mill-allegata vittma.  Ma jiftakarx li kienet qaltlu li kien talabha xi flus.  Qal pero li kienu il-kollegi tiegħu li ħadu l-versjoni tagħha f'iktar dettal. Ikkonferma li l-allegata vittma ġiet mitkellma darbtejn fl-istess ġurnata. Inizjalment miegħu *in brief* u wara ħadulha xi *statement.* Huwa qabad żewġ pulizija minn tiegħu biex joqgħodu ftit magħha.

**Mary Attard** xehdet nhar il-21 ta' Ġunju 2022 kkonfermat li kienet għamlet rapport mal-pulizija. Spjegat li ġurnata minnhom, xi tlett ġimgħat qabel ma xehdet  kienet id-dar Triq Ħal Warda, Ħ'Attard, kien jum il-Ħadd wara nofsinhar għal ħabta tat-3.30 p.m.  F'xi ħin ħabbat il-bieb u meta resqet lejn il-bieb il-persuna bdiet tgħidilha 'jien nann ' iżda għarfet li ma kienx in-neputi tagħha. Dan beda jgħajjat 'iftaħ nann iftaħ.' Dak il-ħin bexxqet il-bieb u qalilha li ried l-ikel u ried jixrob u ried flus. Ippruvat timbotta il-bieb iżda huwa kellu saqajh taħt it-tarġa u għalhekk qisha qarsitu u beda jgħajjat u jidgħi b'kemm jiflaħ.  Tgħid li rnexxielha tagħlaq il-bieb għaliex kien tellagħha saqajh. Ċemplet lill-pulizija u dawn ġew mall-ewwel. Imbagħad dawn kellmuha u qalulha li kollox kien *alright.* Tgħid li kienet imwerwra. Qalet li persuna jitlobha xi ħaġa ma tara xejn ħażin iżda li jrid jidħol ġewwa darha le. Beżgħet li kien ser jidħol ġewwa darha jisraqha u jweġġagħha.  Mistoqsija jekk tagħrafx lill-appellant tgħid li le. Iżda minn leħnu tgħid li hija ċerta li kien raġel. Mistoqsija jekk reġgħetx ratu jgħid li le.

Dak il-ħin ħabbat tlett darbiet il-bieb u ċempel il-qanpiena ukoll. Qalet li inħasdet meta rat li ma kienx in-neputi tagħha u għalqet il-bieb. Meta għamlet hekk beda jimbotta il-bieb iżda ma infetaħx.

**Ikkunsidrat ulterjoment.**

L-appellant ġie akkużat bir-reat ta' attentat ta' serq sempliċi iżda li tali serq ma sarx minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta tiegħu;

> *L-Artikolu 41(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, li huwa l-provvediment tal-ligi rilevanti ghall-kaz in ezami, jipprovdi li kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dan il-hsieb b'atti esterni u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jehel, meta jinsab hati, barra minn meta l-ligi tghid espressament xort' ohra –*
>
> *(a) jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volontà tal-hati, il-piena stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi.*

Kif osservat mill-**Professur Mamo** fin-Noti tiegħu *upon an analysis of this definition, it will appear that three elements are essential to constitute a criminal attempt, that is to say –*

> *1. An overt act manifesting the intent to commit a crime;*
>
> *2. A commencement of the execution of the crime; and*
>
> *3. The non-completion of the crime by reason of accidental circumstances independent of the will of the offender.*

Hu u jikkonsidra t-tieni element ta' dan ir-reat, ossia *a commencement of the execution of the crime l-***Professur Mamo** iddeskriva t-tentattiv bil-mod segwenti:-

> *an attempt represents an intermediate stage between the first manifestation into the outside world of the criminal intent and the fulfilment in fact of such intent* u hu u jikkonsidra t-tielet element ta' dan ir-reat, ossia *the non-completion of the crime by reason of accidental circumstances independent of the will of the offender,* il-Professur Mamo osserva illi *so that a man can be held liable only for an attempt it is, of course, essential that the intended crime should not have been already completed. And, lest one should mistake for an*

*attempt that which is really a legally complete crime, it is necessary to have a clear notion of when a crime becomes completed. A crime is completed or perfect when the offender has consummated the violation of the right protected by criminal law.*

*"Il delitto è perfetto quando è consumata la violazione del diritto tutelato dalla legge penale". Carrara repeatedly insists upon the necessity of distinguishing between what he calls "obiettività ideological" of the crime, that is the motive or ultimate purpose of the offender in committing it, with which he calls the "obiettività giuridia" which is accomplished so soon as all the legal elements required by the definition of the particular crime exist, without requiring that the offender shall have achieved the ultimate object at which he aimed in perpetrating it. In this respect we have already seen that a distinction has to be made between "formal" offences, the completion of which postulates a given action but not a given issue, and "material" offences which cannot be completed without the accident of the actual event.*

F'dan il-każ is-serq huwa reat materjali u jiżvela ruħu appena ikun hemm l-ispostament tar-res.

F'dan il-każ irriżulta biċ-ċar li l-appellant kien ħabbat għal darba darbtejn fuq il-bieb tal-parte civile *Mary Attard* u qallha li kien in-neputi tagħha tant li irrefera għaliha bħala 'nann'. Illi l-parte civile fetħet il-bieb u rat li l-appellant daħħal saqajh bejn il-bieb biex jittanta jidħol fid-dar tal-parte civile. Kien biss għaliex il-parte civile imbuttat lill-appellant 'l barra u rnexxielha tgħalaq il-bieb. Il-parte civile kienet inkwetata għaliex ħasbet li l-malvivent kien ser jisraqha jew iwweġġagħha u kien għalhekk li hija fil-pront ċemplet lill-pulizija u talbet għall-għajnuna. Il-Pulizija waslet fuq il-post ftit wara u sabet li l-malvivent u ċioe l-appellant kien għadu hemm fl-istess triq, Triq Ħal Warda, Ħ'Attard u meta marret fuqu dan qalilhom li kien għadu ħiereġ minn Mount Carmel u li kien qed jittgħallab għaliex ma kellux x'jiekol. Id-difiża tgħid li l-appellant kull ma ried kien is-somma ta' €1.50 u kien hekk biss li talab lil parte civile. Pero mill-provi dan ma jirriżultax lanqas sal-grad tal-probabbli.

Għalhekk kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti l-appellant meta poġġa saqajh bejn il-bibien għamel l-att preparatorji sabiex jikkonsma is-serq fil-fond residenzjali tal-parte civile u li dan is-serq ma seħħx għaliex l-parte civile kienet pronta li timbotta lill-appellant 'l barra tant li ħareġ saqajh minn bejn il-bibien u irnexxielha tagħlqu. Għalhekk ma seħħx is-serq minħabba xi ħaġa indipendenti mill-volonta tiegħu. Fil-fehma ta' din il-Qorti meta l-appellant poġġa saqajh ma setax ikun hemm aktar dubbju li kien oltrapassa l-fruntiera li tifred l-atti preparatorji min dawk li jagħtu bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt. Ċertament dak li għamel l-appellant żgur li għandu jiġi meqjus bħala att li jikkostitwixxi fih innifsu bidu tal-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba l-aċċidentalita tal-fatt li inzerta li l-parte civile kienet fid-dar wara l-bieba u kient pronta li timbottah 'l barra. Għalhekk il-ġudizzju milqugħ mill-ewwel Qorti li sabet lill-appellant ħati tar-reat ta' attentat ta' serq jirriżulta provat mill-atti.

Dwar it-tieni aggravju u ċioe li l-piena mogħtija mill-ewwel Qorti kienet waħda ħarxa. Ingħad li fl-ewwel lok, din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-piena inflitta ħlief jekk din ma tkunx fil-parametri tal-liġi jew jekk tkun sproporzjonata u manifestament eċċessiva fiċ-ċirkostanzi. Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Miruzzi) vs Anthony Zarb**[5] :

> *'Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil- parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**[6] , **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[7] u ohrajn.)' (Id-dati tas-sentenzi citati jinsabu aktar l'isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)*

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' April, 2007 (Appell kriminali numru: 78/2007)
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar fl-14 ta' Gunju, 1999
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar fl-24 ta' April, 2003

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija Vs Joseph Azzopardi</u>** [8] il-Qorti kkunsidrat li:-

> '*Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur hu li din il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax u tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena sakemm din ma tkunx wahda li tohrog mill-parametri tal- ligi jew tkun manifestament eccessiva.' Madankollu, il-Qorti f'dak il-kaz qieset ic-cirkostanzi partikolari u ddecidiet li 'stante n-novita' tal-kaz in ezami w peress li l- appellant seta' genwinament kellu l-impressjoni li quod bikes ma ghandhomx bzonn licenzja biex ikunu fuq it-triq u li ma ghandhomx bzonn ikollhom kopertura ta' asskurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi, din il-Qorti thoss li hemm raguni specjali biex il-periodu tas-sospensjoni w skwalifka tal-licenzji tas-sewqan tal-appellant jigi imnaqqas.*'

Illi fil-każ in desamina l-ewwel Qorti kkundannat lill-appellant għal sitt xhur priġunerija li hija lejn il-minimu. Irid jiħġi imfakkar li l-appellant għandu fedina penali ġja refrettarja u ma hemm l-ebda raġuni li inġabet quddiem din il-Qorti għaliex għandha tiddipartixxi mill-piena mogħtija mill-ewwel Qorti.

Għalhekk din il-Qorti qed tikkonferma l-ewwel sentenza *in toto* kemm fir-rigward il-mertu u anke fir-rigward il-piena imposta.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Imhallef**

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Dicembru, 2009 (Appell Kriminali numru: 400/2009)